"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 05/13 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 3 ta' April 2013 fil-5.30pm**

| | |
|---|---|
| *Preżenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 04/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. K.Barun ippropona u C.Muscat issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 04/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/04 -* Tressqet talba minn residenta sabiex, kif sar fil-ġnien tal-Bajja s-Sabiħa, isir *cat feeding station* fis-*soft area* ta' Wied il-Buni. Ir-residenta lesta li tieħu l-inkarigu hi li żżomm il-post nadif. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba sakemm din il-*cat feeding station* tkun sponsorjata kif ukoll tħeġġeġ lir-residenta sabiex jinbeda programm ta' *neutering* tal-qtates. Is-sit fejn titpoġġa din il-*cat feeding station* għandu jiġi magħżul mill-Kunsill Lokali.

*02/04 -* Tressqet talba quddiem il-Kamra sabiex nhar it-12 ta' Mejju 2013 jiġi organizzat *'2013 Lovesexy Festival'* fuq il-Bajja s-Sabiħa mis-13:00 sa 24:00 għall-attendenza ta' 3000 pax. Wara diskussjoni fejn tqajjmu diversi punti fosthom:

- il-konġestjoni kbira ta' traffiku kif ukoll il-problema tal-parkeġġ li ser toħloq l-attivita'
- li l-attivita' ser tkun qed tmur kontra l-*Bye-Law* tal-Kunsill Lokali "*Bye-Law* 2011 dwar żoni esklużivi għall-*Barbecues*"
- li l-attivita' ser tkun qed tmur kontra l-*policy* tal-Kunsill Lokali, dik li ma jippermettix li jsir bejgħ u konsum ta' xorb alkoħoliku fil-Bajja s-Sabiħa

- li l-attivita' ser issir fil-qalba ta' żona residenzjali.

Il-Kamra għaddiet sabiex jittieħed vot jekk għandhix tiġi aċċettata din it-talba. B'sitt voti kontra u astensjoni waħda t-talba ma ġietx milqugħa.

*03/04* - Tressqet proposta fuq il-mejda tal-Kamra fir-rigward ta' applikazzjoni l-MEPA, PA 05937/04 tirreferi. Il-Kunsill Lokali ġie avviċinat minn persuna li qed toġġezzjona għal dan l-iżvilupp sabiex jikkonferma jekk il-Kunsill ġiex ikkonsultat għall-immaniġġar tat-traffiku li jeħtieġ isir ma' dan l-iżvilupp. Wara diskussjoni l-Kamra kkonfermat li sa issa ma gietx ikkonsultata f'dan ir-rigward u ma tatx l-approvazzjoni tagħha għat-tali immaniġġar tat-traffiku.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet :

| ***Kwotazzjoni Nru. 01/13* – Rikonċiljazzjoni tal-Fixed Asset Register** | | | |
|---|---|---|---|
| **Isem** | **TND No.** | **Item No.** | **Rimarki** |
| Marvic Fenech | 1 | €1,840.00 | 80 hrs @ €23/hr<br>extra hours @ €23/hr |
| PKF Malta | 2 | €3,490.00 | |
| RSM Malta Consulting Ltd | 3 | €5,600.00 | |
| P & D Consulting Services | 4 | €2,725.00 | |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-kuntrattur Nru. 4 – P & D Consulting Services minħabba li kienu l-orħos.

| ***Kwotazzjoni Nru. 02/13 - Servizz ta' Trasport għall-Anzjani*** | | | |
|---|---|---|---|
| **Kuntrattur** | **TND No.** | **Item No.** | **Rimarki** |
| Joe Barbuto | 1 | €82.60 | Coop Services Ltd |
| Saviour Abela | 2 | €35.00 | Swallow Garage |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-kuntrattur Nru. 2 is-Sur Saviour Abela minħabba li kien l-orħos wieħed.

| ***Kwotazzjoni Nru. 03/13 - Provista ta' Cold Asphalt*** | | | |
|---|---|---|---|
| **Kuntrattur** | **TND No.** | **Item No.** | **Rimarki** |
| Asfaltar Construction Ltd | 1 | €105.00 | - |

Il-Kamra approvat il-kuntrattur Asfaltar Construction Ltd. minħabba li kien l-uniku offerent.

| Kwotazzjoni Nru. 04/13 - Provista' ta' Żebgħa tat-Toroq | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Isem** | **TND No.** | **Item No.** | **Item No.** | **Rimarki** |
| AV Critien Co Ltd | 1 | €53.00 | €55.00 | AVC/Sample provided |
| Joe Mangion | 2 | €145.50 | €119.00 | Hampel/Sample provided |
| Road Maintenance Services Ltd | 3 | €80.00 | €81.00 | Faplisa/Sample provided |
| Brincat's Co. Ltd | 4 | €64.50 | €64.50 | Galaxy/Sample provided |
| Charlie's Ironmongery | 5 | €121.07 | €147.98 | Hampel/Sample provided |
| Wurth Ltd | 6 | €57.00 | €61.40 | Wurth/Sample provided |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li qabel ma tittieħed id-deċiżjoni, il-Kunsill Lokali għandu jipprova s-*samples* taż-żebgħa provduti mal-kwotazzjoni.

| Kwotazzjoni Nru. 05/13 - Provista ta' Żebgħa | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Isem** | **Tnd No.** | **Item No. 1** | **Item No. 2** | **Item No. 3** | **Item No. 4** | **Item No. 5** | **Remarks** |
| Charles Ironmongery | 1 | €6.67 | €13.73 | €26.06 | €44.30 | €80.30 | Items 1,2,3 Hampel<br>Items 4, 5 Bartoline |
| Brincats Co. Ltd | 2 | €5.50 | €13.75 | €27.95 | - | - | Items 1,2,3 Galaxy |
| Joe Mangion | 3 | €6.55 | €14.40 | €26.40 | €43.00 | €78.20 | Items 1,2,3 Hampel<br>Items 4,5 Bartoline |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 1 – Charles Ironmongery għal Items 2 u 3; Kuntrattur Nru. 2 – Brincats Co. Ltd. għal Item 1 u Kuntrattur Nru. 3 – Joe Mangion għal Items 4 u 5 peress li kienu l-orħos.

***AĠENDA -4***

Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra l-Pjan ta' Ħidma 2013- 2015. Il-Kamra approvat dan ir-rapport.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' April 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €28179.65 titħallas skont Skeda Nru. 04/13.

***AĠENDA -6***

1. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :

- il-Kunsill Lokali applika għall-*EDEN Award*

- il-Kunsill Lokali applika għall-fondi tal-Ewropa taħt *Measure 125* sabiex jiġi asfaltat sqaq f'Ta' Sansajna. Il-kontribut tal-Kunsill Lokali jista' jkun sa massimu ta' €8950.00.

- il-garanziji li l-Kunsill Lokali għamel talba għalihom lill-Bank minħabba li l-kuntrattur ma onorax il-kuntratti ġew trasferiti fil-kont tal-Kunsill Lokali.

- il-Kunsill Lokali applika għall-fondi tal-UIF sabiex issir il-funtana fi Ġnien L-Indipendenza.

- l-amministrazzjoni qed taħdem sabiex jinħarġu s-sejħiet pubbliċi fir-rigward ta' *fencing* tal-grawnd tal-Bajja s-Sabiħa u *mechanical sweeping* fuq il-*promenade*.

- bl-aġġustament li pproponew l-awdituri tal-Gvern fir-rigward tal-Financial Statements 2012. Il-Kamra aċċettat dan l-aġġustament.

- l-Ambaxxata Amerikana nhar it-22 ta' April 2013 talbet sabiex tiżra xi xitel ħdejn il-monument ta' Bush u Gorbachev f'Dawret il-Qalb Imqaddsa, fil-memorja tat-tmiem tal-gwerra bierda. Kulħadd qabel.

- l-Bord fir-rigward tal-Offerta Pubblika Nru. 06/12 – Provista u Installazzjoni ta' bandli, *fence* u *soft flooring* fi Ġnien il-Kunsill Lokali, Ġnien Profs. Anton Tabone u Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti, ipprezenta quddiem il-Kamra r-rapport dwar l-aġġudikazzjoni tas-Sejħa Pubblika u rrakkomanda li jintgħażel il-Kuntrattur JGC Ltd. peress li kien l-orħos wieħed. Il-Kamra laqgħet ir-rakkomandazzjoni tal-bord sabiex JGC Ltd. jkun il-kuntrattur magħżul għal din is-sejħa pubblika.

2. Il-Viċi Sindku, is-Sur K.Barun :

   - qajjem il-punt li l-Kunsill Lokali għandu jikkonsidra sit alternattiv fejn jista' jsir iċ-Ċentru Ċiviku u l-Librerija Pubblika minflok is-sit fi Triq Santa Katarina. Ippropona li ċ-Ċentru Ċiviku isir parti mill-iskola.

3. Il-Kunsillier, is-Sur J. Baldacchino :

   - talab sabiex jingħata informazzjoni fir-rigward tal-*Oil Rig* li hemm marbut mal-moll tal-Port Ħieles. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li l-Kunsill Lokali kiteb diversi drabi l-MEPA sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja minħabba li l-*Oil Rig* qed jikser ir-regolament ta' l-*Environmental Permit* li bih hu rregolat il-Port Ħieles.

4. Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

   - talab sabiex kull xahar jiġi provdut b'rapport mill-*contracts manager* fir-rigward tal-kuntratti li jieħu ħsieb.

   - talab ukoll nivverifikaw mal-MEPA fir-rigward ta' PA 04819/07- Estensjoni ta' Terminal 1, li x-xogħol sar skont il-permess maħruġ.

   - irrapporta ħofor fi Triq il-Kan. Rikard Attard.

   - talab sabiex induru dawra l-*bins* ta' mal-*promenade* u jinbidlu fejn hemm bżonn.

5. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

   - talab sabiex il-Kunsill Lokali jibda jikkunsidra u jkollu konsulent fuq il-fondi tal-Ewropa, dan sabiex ma nitilfux okkażżjonijiet importanti. Ukoll faħħar ir-ritmu li qabad il-Perit tal-Kunsill Lokali fuq xogħol ta' peritizja.

   - ressaq quddiem il-Kamra l-proposti tas-sotto-kumitat għall-immaniġġar tat-traffiku.

- għandha ssir proposta lil TM sabiex Triq il-Girgħien issir *one-way* fid-direzzjoni lejn Triq il-Port Ħieles filwaqt li Triq il-Gawwi u Triq il-Borok isiru *one-way* kontra xulxin, 'l isfel u 'l fuq rispettivament.

- għandha tintalab l-approvazzjoni ta' TM sabiex waqt il-ħinijiet ta' dħul u ħruġ tat-tfal tal-iskola tingħalaq Triq Żarenu Dalli minn Triq it-Tankijiet 'il fuq.

- għandna nitolbu l-opinjoni ta' TM fuq immaniġġar tat-traffiku fir-rigward ta' Triq Tal-Gurgier.

- informa l-Kamra li ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-Kurja u l-Perit Farrugia (ex-MRRA) sabiex isir ir-restawr tal-Kappella tad-Duluri.

- talab sabiex it-*toilets* tas-Sala tal-Komunita' isiru aċċessibbli għal kulħadd.

- irrimarka li fil-Bajja s-Sabiħa n-naħa ta' Wesgħa Carmelo Caruana hemm ilma qiegħed, kif ukoll ġibed l-attenzjoni li l-wiċċ tal-pont jeħtieġlu manutenzjoni. Is-Sindku informa l-Kamra li nġabet l-istima għal din il-manutenzjoni.

- issuġġerixxa sabiex fil-jiem li ġejjin bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni tal-Arriva, qabel ikollna laqgħa mal-Ministru, issir laqgħa pubblika għar-residenti sabiex dawn iressqu l-ilmenti/suġġerimenti tagħhom lill-Kunsill Lokali. Kulħadd qabel.

- informa l-Kamra li fil-jiem li ġejjin ser jiġu nstallati l-*bases* tal-*bus shelters* il-ġodda.

6. Il-Kunsilliera, is-Sinjura B.Pace:

   - infurmat lill-Kamra li ser torganizza laqgħa mal-Kumitat Għal Qajjenza Aħjar fir-rigward tal-attivita' 'Festa ta' Għana u Tradizzjonijiet', kif ukoll ser torganizza laqgħa mal-każini tal-banda fir-rigward tal-attivita' 'Inġeddu Tfulitna'.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fid-9.15pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Erbgħa, 24 ta' April 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |